**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 31 ta' Jannar, 2018

Rikors Nru : 420/17 AL

**Ab**
**Vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

1. Illi huma żżewgu nhar it-18 t'Ottubru, 2003 (Ara certifikat taz-Zwieg anness u mmarkat **Dok.'A'**;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt' itfal;

3. Illi l-partijiet ilhom sseparati di facto ghal fuq minn erba` snin u legalment separati b'kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Timothy

Ellis sa mill-5 ta' Dicembru, 2013 (ara kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat **Dok. 'B')**;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante illi minbarra li ilhom mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi r-ragel m'ghandu l-ebda pendenzi ta' manteniment kemm fir-rigward tal-mara kif ukoll fir-rigward tat-tfal minuri;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-Divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu fid-dawl tal-fatti hawn fuq imsemmija li din il- Qorti :

1. Tiddikjara u tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet u tiddikjara li l-partijiet huma divorzjati ghall-effeti kollha tal-ligi;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Novembru 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw

illi ilhom legalment separati mill-5 ta' Dicembru 2013 u de facto separati ghal fuq minn erba' snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.